**Tkellimna**

Għedt tiegħek
Jien għedt tiegħi,
Kif intbaħt
Ma wasalniex.

Int tiġbed naħa
Jiena oħra,
Lil xulxin bqajna ma fihmniex.

Issa x'se jiġri minna?
Ma nsejtx x'għidtli
Weġġajtni bli għedtli
Għaddejt minn fuqi
M'għadekx miegħi.

Tbegħedt għax għalik
Kif tidher mhux li int,
Imma għalija urejtni
Kemm tassew ħżint.

Tlift fik il-fiduċja
Tarani wisq ikrah,
Il-qiegħa qed tisħon
Il-folla ġellieda.

Ma naħsibx li hu l-każ
Forsi aktar moħħok,
Li joħlom bl-għedewwa
Imma moħħi jitolbok.

Ikkalma ħa tara
Għad jgħaddi ftit taż-żmien,
Għal kliemi għad tiġi
Imbagħad issib is-sliem.

Fil-ħajja jinbidlu
Is-sitwazzjonijiet,
Terġa' taqa' l-kalma
Jibdew it-taħdiet.

Wara din hemm oħra
Mużika għaddejja,
Ħallina mill-qerda
Il-qalb tibda' tgħejja.

Mela, isa, insa
Erġajna li konna,

Għalina talbet
L-għażiża Madonna.

U magħha wkoll talbu
Bir-rimi l-qaddisin,
Isa, ħa nitħaddu
Aħna aħwa ħenjin.

Qabel ma titfaċċa
Bil-minġel għalina,
Il-mewt biex tqaċċatna
Almenu tkellimna.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.